MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2012

Appell Kriminali Numru. 6/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Louise Calleja)**
**Vs**
**Carmel Vella**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 531361(M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'San Pawl il-Baħar u/jew fi bnadi oħra, f'dawn il-Gżejjer, fl-1993 u fi xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnu wkoll jekk fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda,

(a) b'għemil żieni kkorrompa li minuri – omissis -;

(b) mingħajr ordni skont il-Ligi tal-Awtorita' kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-Ligi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta l-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lill-istess –

omissis -, kontra l-volonta' tieghu sabiex bħala raġel giegħlu jagħmel jew joqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tiegħu;

(c) offenda l-pudur jew il-morali, b'ghemil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost għall-pubbliku.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' Jannar, 2011, li biha wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 203, 86, 87 u 209 tal-Kodiċi Kriminali sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha miġjuba kontra tiegħu, u tenut kont iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ inklużi l-gravita` tar-reati u l-fedina penali tal-appellant minn fejn irriżulta li l-appellant diga` ġie misjub ħati ta' reati bhal dawn odjerni, kkundannatu għall-piena komplessiva ta' tliet (3) snin u sitt (6) xhur priġunerija u elf, mija u erba` u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu ta' Euro (€1164.69) multa.

Kwantu għat-talba magħmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali fl-artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali fin-nota ta' rinviju tieghu datata 15 ta' April, 2005, peress illi ma rrizultax li f'din il-kawża gew inkorsi spejjeż magħmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imsemmija talba magħmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-17 ta' Jannar, 2011, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabitu ħati ta' l-akkużi dedotti kontrih u kkundannatu għal tliet (3) snin u sitt (6) xhur prigunerija u €1164.69 multa u konsegwentement tilliberah minn kull piena u ħtija skont il-liġi u f'każ li din il-Qorti jogħġobha tikkonferma s-sentenza appellata, l-appellant talab li tiġi imposta piena aktar ekwa u ġusta għal każ odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

**Interpretazzjoni ħażina tal-ligi**

Illi l-Ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni ħaċina tal-liġi u apprezzament ħaċin tal-fatti.

Illi omissis twieled fis-sena 1982 u meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti fis-sena 2004 kellu 22 sena. L-istess omissis jixhed illi l-allegat abbuż sehh fis-sena 1993, meta jsegwi illi dak iz-zmien kellu 11 il-sena. Illi per konsegwenza, għandu japplika l-artikolu 203(1)(a) tal-Kap. 9.
Illi dan l-argument ikompli jsaħħah l-eċċezzjoni ta' l-imputat illum appellant illi l-akkużi kif miġjuba kontrih huma preskritti ai termini ta' l-artikolu 688(c) tal- Kap. 9.

**Apprezzament ħażin tal-fatti**

Illi l-appellant jaf illi huwa ormai stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali kemm fis-sede Inferjuri u dik Superjuri ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk dik l-Ewwel Qorti setgħet tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti ragjonevolment u legalment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha. Isegwi illi din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi eżerċitata mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx raġjonevoli fil-konklużjoni tagħha. Illi l-appellant jissottometti illi fuq il-provi li nġabru, l-Ewwel Qorti ma setgħetx ragjonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha u konsegwentement din hija raguni valida u addirittura impellenti sabiex din il-Qorti tiddisturba id-diskrezzjoni u konkluzjoni ta' l-Ewwel Qorti.

Illi in vista ta' dan, l-appellant iħoss illi l-Ewwel Qorti waslet għal din il-konklużjoni ta' ħtija a bażi ta' interpretazzjoni żbaljata tax-xhieda.

Illi l-appellant ta deskrizzjoni tas-Sirens Pitch li ma taqbilx mad-dweskrizzjoni li ta Omissis. Barra dan ma kienx possibbli għall-appellant li jitla' tmein tarġa meta kien weġġa' sew f'inċident. Omissis m'għandux jitwemmen għaleix impossibbli li ġara dak li qed ikun allegat li seħħ u hu baqa' ma jgħidx lill-ġenituri tiegħu. L-appellant kien konsistenti bejn l-istqarrija li għamel a tempo vergine umeta xehed fuq il-pedana tax-xhieda. L-iċken dubju kellu jmur favur l-imputat minħabba l-prinċipju 'in dubio pro reo.'

L-appellant jiċċita b'approvazzjoni dak li jinsab fil-Blackstone a fol 1564 para D 22.17) fejn fil-każ 'Mcmann' (1990) intqal li :

'It (The court of Appeal) must if necessary examine anew the relevant facts and circumstances to exercice a discretion by way of review if it considered that the trial judge's ruling might have resulted in injustice to the appellants.'

**<u>Illi minghajr preġudizzju għas-suespost, il-piena nflitta kienet eċċessiva</u>**

Illi dan l-aggravju tressaq minħabba l-fatt illi minn qari tas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti huwa ċar li l-istess Qorti għamlet aċċenn għal fatt li fis-sena 1995, Carmel Vella kien instab ħati ta' reati simili. Illi fil-fatt l-Ewwel Qorti qalet illi :

*"....l-imputat kien gie misjub hati ta' reati bhal dawn odjerni u l-Qorti tirrileva dan ghal fini tal-kalibrazzjoni tal-piena".*

Illi fl-umli fehma ta' l-appellant, għalkemm ma kien hemm l-ebda akkuza ta' reċidiva, l-Ewwel Qorti donna fi kliemha stess meta għamlet riferenza għas-sentenza tat-12 ta' Diċembru 1995, ħadet in konsiderazzjoni tali kundanna meta waslet sabiex teroga l-piena inflitta u indirettament żiedet il-piena inflitta.

Il-Qorti ser tikkonsidra l-aggravji seriatim.

**L-ewwel aggravju – Punt ta' liġi dwar jekk l-azzjoni hix preskritta.**

L-ewwel problema legali hija dwar ir-reat kontinwat. L-Ewwel Onorabbli Qorti rrefereit għaż-żewġ deċiżjonijiet kuntrastanti li ngħataw mill-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduti.

L-ewwel deċiżjoni hija 'Il-Pulizija vs Lorenzo sive Lorry Cuschieri' l tat-30 t'Ottubru, 2001 fejn intqal hekk:

'Illi r-reat kontinwat huwa finzjoni legali kreata essenzjalment ghall-beneficcju ta' l-akkuzat b'piena indeterminata li tigi komminata biss bhala mizura esklussivament diskrezzjonali wara li jigu ppruvati bhala punibbli oltre kull dubju ragonevoli ir-reati individwali komponenti tieghu kif ukoll ippruvata l-ezistenza ta' rizoluzzjoni kriminuza wahda li tinkatena dawk ir-reati ma' xulxin. Din il-Qorti taqbel li fir-reat kontinwat innifsu ma jikkonkorrux dawk l-elementi essenzjali sabiex jista' jinghad li huwa reat b'ezistenza awtonoma. Invece huwa car li r-reat kontinwat, bhala finzjoni legali, huwa biss cirkostanza ta' fatt illi, meta tigi stabbilita, tinduci eccezzjoni ghall-konkorrenza tar-reati u lkumulu ta' pieni relattivi. Dan iffisser essenzjalment ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, illi kif inghad qed tabbraccja t-tezi migjuba 'l quddiem mill-appellat, illi anki li kieku kellu jigi accettat li l-kontinwita' hija cirkostanza aggravanti, u li din ghandha tittiehed in konsiderazzjoni sabiex tigi ffissata l-piena applikabbli ghall-finijiet tal-preskrizzjoni, xorta wahda din il-Qorti ma tistax tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-piena hija sostenibbli jekk is-singoli reati jkunu diga' jinsabu preskritti skond it-terminu ordinarju stabbilit ghalihom mill-Kodici. Altrimenti, kull konklużjoni differenti twassal ghall-assurdita' legali li jigu maghqudin bil-kontinwita' reati li jkunu individwalment impunibbli ghaliex gia preskritti u fejn in-ness ta' l-istess rizoluzzjoni essenzjali ghar-reat kontinwat, ikun gie, ma' kull skadenza tal-preskrizzjoni ghar-reat individwali, irrevokabbilment miksur jew eliminat.

Din il-Qorti taghmel taghha wkoll is-sottomissjoni li ghamel l-appellat li lkontinwita’
fir-reati tigi konsidrata bhala mitigazzjoni tal-piena li altrimenti tkun kumulattiva. L-artiklu 689 tal-Kodici Kriminali allura jippreskrivi li ghall-finijiet tal-preskrizzjoni “ghandu jittiehed qies tal-piena li ghaliha r-reat ikun ordinarjament suggett”. Ghalhekk, din il-Qorti taqbel li jekk dik il-piena ghall-ahhar vjolazzjoni li tkun saret fis-sensiela ta’ reat kontinwat tkun giet preskritta, ir-reat kontinwat innifsu wkoll ikun
ġie preskritt. ‘

Iżda fil-ġurisprudenza Maltija nsibu pożizzjoni differenti dwar il-preskrizzjoni fir-reat kontinwat. Filfatt f’sentenza oħra tal-10 ta’ Mejju 2000, fl-ismijiet ‘Il-Pulizija versus Joseph Borg’ tal-10 ta’ Mejju, 2000, il-Qorti qalet hekk:

‘Iż-żieda fil-piena stabbilita bla-rtikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali għandha tittieħed in konsiderazzjoni sabeix jiġi determinat it-terminu tal-preskrizzjoni, u cioe’ sabiex jiġi detrminat taħt liema wieħed mill-paragrafi (a) sa (e) tal-artikolu 688 għandu jiġi kkonsidrat id-delitt in kwistjoni. Infatti l-artikolu 689 jgħid espressament liema huma dawk l-affarijiet li wieħed m’għandux jieħu in konsiderazzjoni sabeix jistabilixxi ż-żmien tal-preskrizzjoni: dawn huma (a) skużi jew ċirkostanzi attenwanti ; u (b) żieda fil-piena minħabba r-reċidiva. Iż-żieda fil-piena minħabba l-kontinwat mhix imsemmija f’dan l-artikolu 689.

Fil-liġi tagħna r-reat kontinwat, li kien mudellat fuq l-artikolu 79 tal-Codice Zanardelli, u meqjus bħala forma sui generis ta’ konkors ta’ reati, bil-partikolarita’ li d-diversis reati jitqiesu bħala reat wieħed.

Il-Liġi Taljana viġenti titratta b’mod ferm differenti r-reat kontinwaat għall-fini tal-preskrizzjoni u dna minħabba dispożizzjonijiet ta’ liġi li ma għandhom ebda riskontru fil-Liġi tagħna.’

Dis-sentenza tal-10 ta’ Mejju 2000 segwiet is-sentenza tal-4 ta’ Novembru 1976 fl-ismijiet ‘Il-Pulizija versus Grazio

Zerafa' li kienet sostniet li ż-żieda fil-piena stabbilita fl-artikolu 18 tal-Kap 9 għandha tittieħed in konsiderazzjoni.'

Din il-Qorti ser issegwi s-sentenzi tal-10 ta' Mejju 2000 u dik tal-4 ta' Novembru 1976 għaliex legalment aktar jagħmlu sens ġaladarba wieħed jaċċetta l-mod kif inhu ttrattat ir-reat kontinwat fil-Liġi tagħna, liema trattament huwa differenti minn kif huwa meqjus ir-reat kontinwat f'Liġijiet oħrajn. It-test tal-Liġi jgħid hekk: 'dawn l-atti jitqiesu bħala wieħed'. Għalhekk l-argument li jidher fl-ewwel sentenza ċitata aktar 'il fuq jaqa' għaliex ma jifdalx aktar reati li mietu wieħed, wieħed iżda ġaladarba l- katina r-reati tgħaqqad ir-reati kollha, dawn jibqgħu' ħajjin għall-fini tal-preskrizzjoni. L-imputat ikun ħa l-vantaġġ permezz tal-artikolu 18. Iżda mal-vantaġġ irid jieħu wkoll l-iżvantaġġ. L-artikolu 689 tal-Kap 9 isemmi r-reċidiva iżda ma jsemmix ir-reat kontinwat. Dan l-artikolu l-aħħar li ġie emendat kien fis-sena 1900 u kieku sa llum il-Leġislatur ried idaħħal ir-reat kontinwat, kellu żmien biżżejjed biex jagħmlu. Iżda dan ma setax jagħmlu mingħajr ma jibdel il-kunċett kif radikat fl-artikolu 18.

Skont l-artikolu 691, il-preskrizzjoni tibda tgħaddi mill-jum li fih isir l-aħħar ksur tal-Liġi.

Issa f'dan il-każ l-ewwel imputazzjoni taqa' taħt l-artikolu 203 (1) (a) għaliex miċ-ċertifikat tat-twelid jirriżulta li l-imputat twieled fl-20 ta' Frar 1982 u l-fatti allegati, skont il-provi, seħħew fl-1993 - u, skont iċ-ċitazzjoni, fix-xhur ta' qabel. Mix-xhieda ta' Omissis hemm indikazzjoni tas-sajf tal-1993.

Għalhekk (i) l-allegat vittma ma kienx għalaq tnax-il sena.
(ii) il-piena stabbilita għar-reat hija bejn tliet snin u sitt snin.

L-artikolu 18 tal-Kap 9, li jittratta dwar ir-reat kontinwat, jipprovdi hekk:

'Dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat, iżda l-piena tista' tiżdied minn grad sa żewġ gradi.'

Dan ifisser li l-piena bażika – minn tliet snin sa sitt snin – b'applikazzjoni tal-artikolu 31(1)(b) (vi)(iv)(iii) tista' titla' għal ħames snin sa tnax-il sena.

Għalhekk il-massimu possibbli huwa tnax-il sena. Skont l-artikolu 688 tal-Kap 9 l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni:

(b) bl-għeluq ta' 15-il sena għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn għoxrin sena u mhux anqas minn disa' snin.'

L-atti allegatament saru fis-sena 1993 u l-appellant tressaq fis-sena 2004. Minħabba li ma kinux għaddew 15-il sena bejn meta saru l-allegati atti u meta l-appellant tressaq il-Qorti, il-Qorti mhix tilqa' l-eċċezzjoni tal-Preskrizzjoni dwar l-ewwel imputazzjoni.

It-tieni imputazzjoni taqa' taħt l-artikolu 86 u 87(1)(g) fejn il-piena ta' priġunerija hija ta' bejn tlettax-il xahar sa tliet snin. Bl-applikazzjoni taż-żewġ gradi kontemplati fl-artikolu 18 tal-Kap 9, il-piena, wara li jkun applikat l-artikolu 31(1)(b) (ix)(viii) (vii)(vI), il-piena tkun ta' minimu ta' sentejn u massimu ta' ħames snin. Skont l-artikolu 688(ċ) l-azzjoni kriminali taqa' bl-għeluq ta' għaxar snin għad-delitti suġġetti għall-piean ta' priġunerija għal żmien minn disa' snin u mhux anqas minn erba' snin.

Bejn l-1993 u s-sena 2004 għaddew 11-il sena. Għalhekk kienu għaddew aktar minn għaxar snin bejn l-1993 (is-sena meta huwa allegat li saru l-atti) u s-sena 2004 meta tressaq l-appellant. Għalhekk il-Qorti qed tilqa' l-eċċezzjoni dwar il-preskrizzjoni dwar it-tieni imputazzjoni.

It-tielet imputazzjoni taqa' taħt l-artikolu 209 li jikkontmepla piena ta' tliet xhur u multa. B'applikazzjoni tal-artikolu 18, il-perjodu ta' priġunerija dwar l-ewwel parti jitla' bejn ħames xhur sa disa' xhur waqt li l-multa, skont l-artikolu 31(1)(f)tal-Kap 9 l-piena tal-multa titla' għal żmien ta' priġunerija u b'applikazzjoni ta' grad ieħor (it-tieni grad tal-

artikolu 18) titla' massimu ta' sitt xhur (31(1)(b) (xiii). Skont l-artikolu 688(e) l-azzjoni kriminali hija estinta bl-għeluq ta' sentejn għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien mhux anqas minn sena, jew tal-mujlta jew tal-kontravenzjonijiet. F'dan il-każ is-sentjen mill-allegati fatti kienu għaddew. Għaldaqstant il-Qorti qed tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni dwar it-tielet imputazzjoni.

**Il-fatti**

It-tieni aggravju huwa dwar l-apprezzament tal-fatti. Kif intqal diversi drabi minn din il-Qorti, il-Qorti tal-Appell inferjuri ma tiddisturbax il-konlużjoni tal-Qorti tal-Maġistrati jekk din kienet waħda li l-Ewwel Qorti setgħet raġjonevolment u legalment tasal għaliha. Jekk wieħed jifli s-sentenza tawl-Ewwel Qorti (fol 175 sa 183), wara li din ċaħdet l-eċċezzjoni dwar il-preskrizzjoni, iddedikat 4 paġni sħaħ, jew kważi 50% tas-sentenza tikkwota siltiet mix-xhieda li semgħet viva voce quddiemha. Kien imbagħad li għaddiet għall-konklużjoni li fil-fehma tagħha l-Prosekuzzjoni kienet ipprovat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant. Il-Qorti qed tagħmel tagħha dawn il-kwotazzjonijiet u żżid dawn id-dettalji.

Iddur fejn iddur, il-qofol ta' kollox huwa x-xhieda ta' Omissis u l-istqarrija u x-xhieda tal-appellant. Huwa tassew li Omissis dam ma ċċaqlaq biex mar jagħmel ir-rapport tiegħu iżda meta xehed ta dettalji li jidhru li mhux ivvintati. Mingħajr ma tidħol f'dettalji żejda tirreferi għal kif imxew pass, pass l-affarijiet. L-ewwel jekk Omissis kienx jaf iżomm sigriet, imbagħad it-tneħħija tal-malja bl-iskuża biex jinxfu qabel jidħlu fil-karozza, imbagħad il-mess tal-partijiet privati. Ir-reat beda jirrepeti ruħu (fol 11 u 12) u saħansitra l-appellant kien jitlob aktar minn Omissis (fol 12). Omissis ftakar ċwerta dettalji – is-sowers, il-post eżatt bejn il-Gillieru l-pont ta' Buġibba u saħansitra indika x'uża l-appellant biex tnaddaf. Dettal aktar qawwi jidher a fol 12 u kif ipprova Omissis jiddefendi ruħu biex ma jagħmilx dak li talbu jagħmel l-appellant. Dan kolu sar fis-sajf tas-sena 1993 u dam sejjer għal madwar tliet xhur. Darba minnhom, Omissis ħass li kellu jgħaddi kumment

dwar l-appellant li ċerta Ferrante, li eventwalment ikkonferma dak li kien qallu Omissis. L-istess Omissis iddeskriva l-effett fuqu ta' din l-imġiba tal-appellant. (fol 13). Dan ġara meta Omissis lanqas biss kien jaf xi tfisser esperjenza sesswali. U meta Omissis mar jirraporta kien hemm raġuni ġenwina (fol 15). Meta lill-appellant kien jgħidlu li ma jiflaħx, dan xorta kien jibqa' għaddej u fis-showers ta' ċerta klabb ma kienx jista' jaħrab minnu 'għaleix il-bieb kien jingħalaq warajna.' (fol 86).

Fil-fehma tal-Qorti, il-verżjoni ta' Omissis hija waħda veritjiera.

Il-Qorti fliet bir-reqqa wkoll dak li xehdu xhieda oħra li semgħu l-verżjoni minn għand Omissis. Ukoll jekk iqis li dawn jaqgħu taħt il-hearsay rule, dawn jibqgħu prova li ntqal il-kliem u fid-dawl tad-deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta, min irid jiġġudika jista' jiżen jekk il-fatt li fuqu xehed ix-xhud ewlieni għandux xi ħaġa li tista' tikkontribwixxi għall-apprezzament tal-provi. (Ara: Il-Pulizija versus Fabio Schembri 1 t'April 2011):

***'Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jigi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u cirkostanzi oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.'***

Għalhekk il-Qorti rat ukoll ix-xhieda ta' WPC 64 Connie Cauchi u l-Ispettur Lousie Calleja ( li qalet, fost affarijiet oħra li Omissis kien qed ifittex l-għajnuna ta' psikologa minħabba t-trawma li kien għadu jħoss minħabba l-esperjenza li kellu meta kien għadu tifel).

Semgħet ukoll lill-omm Omissis (fol 51), li xehdet dwar id-drawwa li jmorru Bugibba, l-inċident li kellu l-appellant (fol 52) u l-għtoti ta' karozza bir-remote control mill-appellant lil Omissis. Xehdet ukoll dwar kif ċertu Edward Ferrante (li xehed ukoll a fol 83) li għarrafha x'kien qallu Omissis (fol 53). Imbagħad marru d-Depot jirraportaw x'kien ġara u ħadet lill-Omissis għand 'Psychologist'.

PC 225 Joseph Filletti ppreżenta xi rigali li Omissis kien qallu li tah l-appellant. (fol 60). Huwa xehed l-istess fatti li kien xehed Omissis u żied jgħid li Omissis ikkonferma li qatt ma kien hemm intercourse.' (fol 61).

Oħt omissis ikkonfermat id-dettalji li kienu ngħataw mill-omm. (fol 69) u l-effetti fuq ħuha. Hija xehdet hekk fuq xi effetti li ħalliet l-esperjenza li kellu Omissis:

''Kien iqatta' lilu nnifsu b'xi mus jew compass. Dan kien iqatta' lilu nnifsu fuq idejh, anke fuq dirgħajh u anke kien jgħid li għandu uġigħ ta' ras u tal-istonku.' (fol 70).

Ix-xhud Joseph Falzon ukoll irrakkonta dak li qallu Omissis fuq l-esperjenzi mal-appellant.

Ix-xhud Edwar Ferrante ta l-istess dettalji li ddeskriva Omissis għax dan tal-aħħar qallu x'kien ġara. (ara fol 83, 84 u 85)

Missier Omissis ikkonferma ż-żmien ta' meta kienu ħbieb mal-appellant u x'eta' kellu Omissis dak iż-żmien. F'okkażjoni minnhom Omissis ma riedx imur mal-appellant. (fol 91).

L-appellant fl-istqarrija tiegħu kien ċaħad kollox, saħansitra li kien ta xi rigali lil Omissis (ara fol 28 u 29). Huwa wkoll xehed nhar l-4 ta' Lulju 2007 minn fol 104 sa 109 (l-eżami) u 109 sa 114 (il-kontro-eżami). Huwa xehed dwar kif bdiet il-ħbiberija mal-familja ta' Omissis u kif kien ġralu inċident serju meta kien marsus minn karozza u l-konsegwenzi fiżiċi li dan l-inċident ħallu fuqu. (Dwar dan huwa wkoll ippreżenta ċertifikat). L-appellant xehed ukoll li l-bieb tax-showers jiftħu u jagħlqu tal-bar iżda dan il-bieb jibqa' miftuħ biex min irid jidħol ikun jista' jagħmel hekk. L-appellant qal li meta daħal jieħu shower Omissis ma kienx fix-shower. (fol 108). Huwa ċaħad li kien ta l-vintage cars lil Omissis. Huwa ċaħad li kien abbuża minn xi membru tal-familja tax-xufier li daħal fuqu. Huwa qal li Omissis ma kienx joqgħod ħdejhom għax kien joqgħod jilgħab waħdu.

Fl-apprezzament tagħha tal-provi, il-Qorti qieset kollox, inkluż iċ-ċertifikat li l-appellant ma setax jitla' tmenin tarġa. Il-fatt li hemm żewġ verżjonijiet kuntrastanti
ma jfissirx li l-Qorti ma tistax tirrisolvi jekk hux qed jgħid il-verita' Omissis jew inkella l-appellant. Il-Qorti qed tiddeċiedi li Omissis qal il-verita' u għalhekk qed issib lill-appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni kif sabitu l-Ewwel Qorti.

**L-Aggravju dwar il-piena**

Il-Qorti qed tiċħad dan l-aggravju għar-rigward tal-piena ta' tliet snin u sitt xhur priġunerija. Dan huwa qrib il-minimu u mhux qrib il-massimu li kien mogħti aktar 'il fuq. L-appellant jillamenta li l-Ewwel Qorti użat il-fedina penali biex ikkallibrat il-piena. Il-Qorti tinnota li l-Ewwel Qorti ma qalitx li l-appellant kien reċidiv. Kull ma għamlet hi li studjat il-fedina penali u l-Ewwel Qorti għamlet sew **għax dan hu dmirha. Għalhekk il-Qorti mhix ser tirrevoka l-piena dwar il-perjodu ta' priġunerija.**

Min-naħa l-oħra, ġaladarba din il-Qorti ddikjarat it-tieni u t-tielet imputazzjoni bħala preskritti, il-Qorti ser tirrevoka l-piena tal-multa.

**Konklużjoni**

Għaldaqstant il-Qorti sejra tirriforma s-sentenza mogħtija fis-6 ta' Jannar 2011 fl-ismijeit il-Pulizija versus Carmel Vella billi **tikkonfermha** fejn sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni u kkundannat lill-appellant għall-perjodu ta' priġunerija ta' tliet snin u sitt xhur iżda qed **tirrevokha** fejn sabitu ħati tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni u minflok qed tilliberah minnhom għaliex huma preskritti u qegħda konsegwentement tirrevoka l-multa inflitta fuq l-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------